MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 675/2009

**Eden Hospitality Limited**

**Vs**

**Intramed Limited**
**Claude Muscat**
**Marcellina Muscat**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih is-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici topera lukanda Intercontinental Hotel fil-Bajja ta’ San Gorg, San Giljan, u ipprestat diversi servizzi b’inkarigu u a favur tal-konvenuti fl-istess lukanda, konsistenti f’akkomodazzjoni u servizzi ohra relatati.

Illi ghal dawn is-servizzi l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ disgha u tletin elf hames mija u disgha u tmenin Ewro u disgha u tletin centezmu ta’ Ewro (€39, 589.39) skond ma jirrizulta ahjar mill-affidavit ta’ Albert Galea.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu dan l-ammont, izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi safejn taf is-socjeta` attrici, l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra din it-talba.

Talbu illi din il-Qorti:

1. Tghaddi biex tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond kif mahsub fl-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri, flimkien u in solidum, tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ disgha u tletin elf, hames mija u disgha u tmenin Ewro u disgha u tletin centezmu ta’ Ewro (€39,589.39) kif hawn fuq spejgat u;
3. Tikkundannhom sabiex flimkien u in solidum ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ disgha u tletin elf hames mija u disgha u tmenin Ewro u disgha u tletin centezmu ta’ Ewro (€39,589.39).

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Albert Galea u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuti baqghu ma dehrux.

Rat in-nota li biha s-socjeta` attrici naqqset it-talba ghal tmintax il-elf, mitejn u sitta u sebghin Ewro u tnax il-centezmu ta’ Ewro (€18,276.12).

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors mahluf, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------